# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

# IMHALLEF

# ONOR. VINCENT DEGAETANO LL.D.

**Illum 18 ta' Gunju, 2001**

**Appell Nru 25/2001**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Donald Cini**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva (fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud) kontra Donald Cini talli (**1**) fit-8 ta' Novembru, 1999 u fit-tletin jum li jigu qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, naqas li japplika ghar-registrazzjoni mal-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fi zmien tletin jum mid-data li fiha ghamel provvista taxxabbli, u dan bi ksur ta' l-Artikoli 10 u 76 ta' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att. Nru. XXIII ta' l-1998); l-ewwel qorti kienet mitluba tordna lill-imputat jikkonforma ruhhu mal-ligi fi zmien bizzejjed biex ikun jista' jaghmel dan, liema zmien m'ghandux jeccedi tlett xhur, taht penali ta' mhux anqas minn zewg liri u mhux aktar minn ghaxar liri ghal kull zmien li dak in-nuqqas ikompli wara li jghaddi l-imsemmi zmien moghti mill-qorti; u (**2**) talli fit-8 ta' Ottubru, 1999, f'dawn il-Gzejjer, naqas li jaghti jew li jipproduci ricevuta fiskali f'ghamla provvduta mill-imsemmi Kummissarju fuq biegh ta' provvista, skond il-kumpens lilu mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tal-Erbatax-il Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-Artikoli 51 u 77(a)(c) ta' l-Att XXIII ta' l-1998; u peress li allegatament kien hemm taxxa perikolata ta' Lm20.21,2 l-ewwel qorti kienet mitluba li, f'kaz ta' htija, timponi multa ohra li tkun daqs ghaxar darbiet it-taxxa perikolata, u dan skond l-Artikolu 77 tal-imsemmi Att;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-30 ta' Jannar, 2001 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Donald Cini hati skond l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu **multa ta' mija u hamsa w ghoxrin lira (Lm125)** fuq l-ewwel akkuza **u multa ta' mitejn lira (Lm200)** fuq it-tieni akkuza; ordnatlu sabiex fi zmien hmistax-il jum jikkonforma ruhhu mal-ligi u fin-nuqqas jehel penali ta' sitt liri (Lm6) multa kulljum wara li jgahddi l-imsemmi zmien; u, fl-ahharnett, dik il-qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, bl-

applikazzjoni tal-Artikolu 77 tal-Att XXIII ta' l-1998, ikkundannat lill-istess Donald Cini jhallas **multa ohra ta' mitejn u zewg liri u tnax-il centezmu (Lm202.12,0)** stante li kien jirrisulta li kien hemm taxxa perikolata kif aktar 'l fuq indikat;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Donald Cini, minnu ppresentat fis-7 ta' Frar, 2001, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' l-imsemmija sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-31 ta' Mejju, 2001; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant hu, bazikament, illi l-kaz tal-prosekuzzjoni hu bbazat fuq *hearsay evidence*, cioe` fuq provi mhux ammissibbli, u dan peress li l-persuna li materjalment effettwat il-hlas qatt ma giet prodotta bhala xhud.

Din il-Qorti, pero`, tara li kemm mid-deposizzjoni tal-Ispettur tal-VAT Mario Azzopardi kif ukoll mid-deposizzjoni ta' Arthur Mifsud jirrisulta pruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li l-pagament effettivament sar lill-apppellant ghas-servizz li huwa kien ipprovda lill-istess Mifsud, cioe` li jdoqqlu musika waqt ir-riceviment tat-tieg. Mario Azzopardi jikkonferma li meta hu u Spettur iehor kellmu lill-appellant dana ammetta li kien hemm klient li kien hallsu mija hamsa w hamsin lira u li hu (Cini) ma kienx hariglu ricevuta. Arthur Mifsud jghid li fil-gurnata tat-tieg stess (cioe` fit-8 ta' Ottubru, 1999) huh kien hallas lil Cini l-ammont imsemmi. Xi xahar u gimgha wara t-tieg hu u l-mara kienu avvicinaw lil Cini u qalulu biex jibghatilhom l-ircevuta fiskali; Cini qalilhom li kien ser jibghata bil-posta izda qatt ma ghamel hekk. "Meta kellimna lil Donald Cini huwa ma indikali b'ebda mod li hija ma kienx b'xi mod hallsu, semplicement qalli li l-ircevuta fiskali kien ser jibghatieli". Konsegwentement l-aggravju ta' l-appellant huwa infondat. L-appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. Il-periodu ta' hmistax-il gurnata imsemmi fis-sentenza ta' l-ewwel qorti jibda jiddekorri mill-lum.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur